# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**

**DR MICHAEL MALLIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 10 ta' Dicembru 2001**

**Numru 2**

**Avviz. numru 1596/00mm**

**E Calleja & Sons Limited**

**vs**

**Calbros Limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-avvizipprezentat mis-socjeta' attrici fis-16 ta' Novembru 2000 fejn talbet lil din il-Qorti li tikkundanna lis-socjeta' konvenuta li thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm526.26 (hames mija, sitta u ghoxrin lira, sitta u ghoxrin centezmu), kif inghad:

1. Lm484.78 (erba mija, erbgha u tmenin lira,tmienja u sebghin centezmu) total ta' *invoices,* li kopja taghhom giet annessa ma' l-avviz (Dok A) flimkien ma' *statement* (Dok B);

2. Lm41.48 (wiehed u erbghin lira, tmienja u erbghin centezmu) imghax fuq is-somma msemmija, li gie mahdum mid-dati ta' l-*invoices* rispettivi, sallum.

Bl-ispejjez kollha, inkluzi ta' l-avviz u dawk tal-Mandat ta' Sekwestru li gie pprezentat kontestwalment ma' l-avviz, u l-imghax legali sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta' konvenuta li giet ngunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta fejn eccepiet:

1. Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu respinti bhala nfondati fil-fatt u fid-dritt bl-ispejjez kollha kontra s-socjeta' konvenuta.

2. Illi l-ammont mitlub mhux dovut ghas-segwenti ragunijiet:

a) Illi dan l-ammont jinkludi, kif anke juri d-Dok A pprezentat ma' l-istess Avviz, *credit note* fl-ammont ta' erbghin lira Maltin (Lm40) rapprezentanti l-valur ta' oggetti ritornati u accettati mis-socjeta' attrici, liema valur mhux gust u korrett peress illi kellu jkun ta' wiehed u sebghin lira Maltin u tlieta u tmenin centezmu (Lm71.83) skond il-ftehim anke bil-miktub bejn il-partijiet,mahdum fuq il-prezz ta' l-oggetti ritornati - neqsin tmienja fil-mija (8%) *return charge,* kollox kif miftiehem u accettat miz-zewg partijiet u kif indikati fl-anness Dok 1.

b) Illi minghajr pregudizzju, il-bilanc mitlub, inkluzi l-imghaxijiet qed jigu kkontestat stante illi dak huwa il-valur ta' oggetti li gew ritornati lura lis-socjeta' attrici skond il-ftehim bejn il-partijiet b'dan pero' illi l-istess socjeta' attrici unilateralment u bi ksur tal-ftehim hawn fuq imsemmi ma accettatx l-oggetti u baghtet lura l-istess merkanzija lis-socjeta' konvenuta wara li zammet biss dak li riedet hi u bil-prezz li riedet hi, kif fuq premess, fejn harget *credit note* fl-ammont zbaljat.

c) Illi minghajr pregudizzju ghal dan kollu, s-socjeta' konvenuta qed tipproponi t-talbiet taghha kontra s-socjeta' attrici ai termini ta' l-Artikolu 396 et seq tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kollha kontra s-socjeta' attrici li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat ukoll l-istess kontro talba tas-socjeta' konvenuta fejn talbet illi:

Premess illi meta kien isir in-negozju bejn il-partijiet u jkunu kkonsenjati l-oggetti mis-socjeta' attrici lis-socjeta' konvenuta, il-ftehim, anke bil-miktub (Dok 1) kien illi l-oggetti jistghu jigu ritornati bil-kundizzjoni illi s-socjeta' attrici tnaqqas tmienja fil-mija (8%) *return charge,* ftehim li sehh fil-prattika ghal zmien twil bejn il-kontendenti;

Premess illi kif tindika l-annessa lista markata (Dok 2) l-oggetti kollha ritornati f'dik il-lista kienu accettati minn Simon Spiteri, impjegat u rappresentant tas-socjeta' attrici, b'dan illi sussegwentement, filwaqt illi nzammu biss xi oggetti bhal ma huma *hall porters,* gew ritornati lura lis-socjeta' konvenuta l-oggetti l-ohra kollha b'mod unilaterali u bi ksur tal-ftehim hawn fuq imsemmi;

U peress illi fuq l-oggetti mizmuma, ossia l-erba' *hall porters,* il-*credit note* fuq il-valur taghhom kellu jkun dak ta' wiehed u sebghin lira Maltin u tlieta u tmenin centezmu (Lm71.83c), u cioe', l-prezz ta' Lm78.08 neqsin it-tmienja fil-mija kif jirrizulta minn (Dok 1) hawn anness;

U peress illi s-socjeta' konvenuta ghandha tiehu minghand is-socjeta' attrici l-ammont ta' wiehed u sittin lira Maltin u sitta u disghin centezmu (Lm61.96c) prezz ta' madum u oggetti relatati ta' kamra tal-banju kif muri fl-annessi invoices mmarkati (Dok 3) u (Dok 4), oggetti mibjugha u kkonsenjati lis-socjeta' attrici fuq inkarigu taghha stess;

Tghid ghalhekk is-socjeta' attrici rikonvenuta ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara illi l-istess socjeta' attrici kissret il-ftehim tan-negozju u unilateralment u minghajr ebda raguni ma accettatx ir-returns taht il-kundizzjonijiet miftiehma.

2. Tordna illi s-socjeta' attrici tiehu u taccetta lura r-returns moghtija mis-socjeta' konvenuta bil-kundizzjonijiet miftiehma ossia dak li jitnaqqas ir-return charge ta' tmienja fil-mija (8%), kollox skond il-ftehim bejn il-partijiet.

3. Tiddikjara illi l-*credit note* li kellha tinhareg fuq ir-returns accettati mis-socjeta' attrici kellha tkun fl-ammont ta' wiehed u sebghin lira Maltin u tlieta u tmenin centezmu (Lm71.83c) u mhux ta' erbghin lira Maltin, u dan ghar-ragunijiet hawn fuq premessi.

4. Tordna illi l-ammont ta' tnaqqis ai termini tat-tielet talba hawn maghmula jkun ta' wiehed u sebghin liri Maltin u tlieta u tmenin centezmu (Lm71.83c) u mhux dak ta' erbghin liri Maltin (Lm40.00) kif fil-fatt sar.

5. Tiddikjara lis-socjeta' konvenuta ghandha tiehu minghand is-socjeta' attrici s-somma ta' wiehed u sittin lira Maltin u sitta u disghin centezmu (Lm61.96c) prezz ta' oggetti mibjugha u kkonsenjati lis-socjeta' attrici fuq talba taghha stess kif hawn fuq premess.

6. Tordna lis-socjeta' attrici thallas l-istess somma ta' wiehed u sittin lira Maltin u disa u sittin centezmi (Lm61.96c) lis-socjeta' konvenuta ai termini tal-hames talba hawn maghmula.

Bl-ispejjez kollha kontra s-socjeta' attrici rikonvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta' attrici ghal kontro-talba tas-socjeta' konvenuta fejn eccepiet:

1. Illi l-kontro talbiet rikonvenzjonali ta' Calbros Limited ghandhom jigu respinti, bl-ispejjez kollha kontra s-socjeta' Calbros Limited.

2. Illi l-pretensjoni ta' Calbros Limited li tirritorna oggetti li xtrat minnghand E Calleja & Sons Limited ghandha tigi michuda u respinta ghas-segwenti ragunijiet:

a) Illi s-socjeta' Calbros Limited mhijiex titlob li tirritorna lura l-istess oggetti li taghhom is-socjeta' attrici E Calleja & Sons Limited qieghdha titlob il-hlas, izda ta' *left overs* li xtrat snin qabel u li qatt ma rnexxielha tbiegh;

b) Illi s-socjeta' E Calleja & Sons Limited qatt ma bieghet merkanzija lis-socjeta' Calbros Limited bil-patt u l-kundizzjoni li E Calleja & Sons Limited bilfors trid taccetta lura din il-merkanzija jekk Calbros Limited tiddeciedi li tirritorna l-istess merkanzija lura;

c) Illi fil-prattika, avolja mhux l-ewwel darba li accettat oggetti lura, s-socjeta' E Calleja & Sons Limited dejjem iddecidiet hi u dejjem kien fid-diskrezzjoni taghha taccettax lura jew le xi merkanzija li tkun bieghet;

d) Illi l-klawzola li s-socjeta' Calbros Limited fil-kontro talba taghha taghmel referenza ghaliha ma tghoddx ghal kaz prezenti mhux biss ghar-raguni moghtija fis-subparagrafu 2(a) izda wkoll ghaliex fil-prattika dejjem intuzat biss meta xi klijent talab li jirretorna lura xi oggetti fi zmien ragonevoli minn meta jkun xtrahhom minghand E Calleja & Sons Limited. Dan iz-zmien ragjonevoli huwa perjodu qasir minn meta jsir il-bejgh li fih il-merkanzija ma tkunx qdiemet u ghalhekk E Calleja & Sons Limited tkun tista tbieghu lil haddiehor minghajr problemi bhala oggetti godda. F'dawn il-kazijiet, meta xi klijent jitlob li jirretorna xi merkanzija, E Calleja & Sons Limited minn dejjem ghazlet hi taccettax l-oggetti lura u l-ebda klijent ma qatt gieghlha tohodhom lura;

e) Illi s-socjeta' Calbros Limited qieghdha titlob ir-ritorn ta' oggetti li xtrat u li lilha gew ikkonsenjati numru ta' snin qabel. Dan zgur ma jammontax ghar-ritorn ta' oggetti fi zmien ragjonevoli, ghaliex l-oggetti huma qodma wisq biex jergghu jinbieghu lil haddiehor;

f) Illi r-*return charge* ta' tmienja fil-mija tal-prezz tghodd biss ghal oggetti li jkunu ghadhom godda u ghal meta E Calleja & Sons Limited taccetta lura oggetti offruti fi zmien ragjonevoli minn meta tkun bieghhithom;

g) Illi l-*credit note* li ghaliha taghmel referenza Calbros Limited fil-kontro talba rikonvenzjonali tirrapprezenta stima tal-valur ta' l-oggetti li s-socjeta' E Calleja & Sons Limited accettat li

tiehu lura, liema oggetti tant kienu qodma u tant gew offruti lura lilha wara zmien twil illi E Calleja & Sons Limited lanqas biss kienet tohodhom minn ghand haddiehor, u accettathom lura minghand Calbros Limited mhux ghaliex kienet mgieghla jew kienet ftiehmet li tohodhom lura, izda biss bi pjacir lis-socjeta' Calbros Limited, bhala sinjal ta' rieda tajba u hbiberija (liema rieda tajba u hbiberija Calbros Limited ma rreciprokatx ghaliex kieku din il-kawza qatt ma kienet tasal quddiem din l-Onorabbli Qorti);

h) Illi l-merkanzija in kwistjoni gabruha lura xi lavranti ta' E Calleja & Sons Limited esplicitament biex tigi spezzjonata u mhux ghaliex giet accettata lura. Fuq istruzzjonijiet tas-superjuri tieghu, s-Sur Simon Spiteri, *Despatch Counter Officer* mad-ditta E Calleja & Sons Limited, spezzjona l-merkanzija u rrapporta lura lill-istess superjuri illi l-oggetti in kwistjoni fil-fehma tieghu ma jistghux jigu accettati lura ghaliex kienu qodma wisq. Kien biss wara li dawn l-oggetti jigu spezzjonati li s-socjeta' E Calleja & Sons Limited kellha tiddeciedi taccettax lura l-istess oggetti. Fil-fatt accettat lura xi haga zghira minn dawn l-oggetti, kif diga gie spjegat fis-subparagrafi precedenti ta' din ir-risposta, u l-bqija baghtithom lura lil Calbros Limited.

3. lli t-talba ghall-hlas ta' wiehed u sittin lira, sitta u disghin centezmu (Lm61.96c) ma hijiex qieghdha tigi kkontestata mis-socjeta' E Calleja & Sons Limited. Id-ditta E Calleja & Sons Limited dejjem hallset kull ma kien dovut minnha. F'dan il-kaz il-hlas ma sarx, minhabba zball amministrattiv, l-

*invoices* originali ma ghaddewx mill-process tas-soltu u ma ghaddewx ghall-hlas. Li kieku Calbros Limited, minflok zammet dawn il-kontijiet pendenti fil-komma sabiex fil-mument li jidhrilha li hu opportun tipprova tghajjar lil E Calleja & Sons Limited bihom, baghtet *reminder,* zgur li l-ammont kien jithallas qabel. Calbros Limited tant riedet izzomm dan il-kont ghaliha sakemm jasal il-mument li jidhrilha li hu opportun, illi f'Dicembru li ghadda, meta l-Avukat hawn taht iffirmat sar jaf ghall-ewwel darba li hemm xi flus dovuti mill-klijent tieghu, baghat l-ittra tas-27 ta' Dicembru 2000 (Dok A). Calbros Limited qatt ma rrispondiet, u harget l-*invoices* fil-kontro talba rikonvenzjonali.

Bl-ispejjez kollha kontra s-socjeta' Calbros Limited li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi ma hemmx dubbju illi bejn il-partijiet kien hemm relazzjoni kummercjali hajja tant illi s-socjeta' attrici kellha kont miftuh favur is-socjeta' konvenuta sabiex dina tixtri merkanzija minghandha u thallas pagamenti f'dan il-kont. Zmien minnhom jidher illi din ir-relazzjoni ma baqghetx daqshekk attiva peress illi

s-socjeta' attrici fethet hanut vicin hafna tas-socjeta' konvenuta u minn dan il-hanut bdiet tbiegh l-istess oggetti illi kienet qed tforni lis-socjeta' konvenuta. Peress illi s-socjeta' attrici setghet tbiegh dawn l-oggetti irhas mis-socjeta' konvenuta, allura s-socjeta' konvenuta ddecidiet illi ma ggibx aktar oggetti minghand is-socjeta' attrici.

Ghal dak li jirrigwarda l-quantum mitlub f'dan l-avviz ma jidhirx illi hemm divergenza kbira bejn il-partijiet. L-unika oggezzjoni li qieghdha ssib is-socjeta' konvenuta tirrigwarda l-hlas ta' *hall porter* illi gie ritornat u accettat mis-socjeta' attrici. Peress illi skond l-istess invoices is-socjeta' attrici tirrizerva d-dritt illi tnaqqas tmienja fil-mija (8%) fil-valur ta' oggett ritornat,f'dan il-kaz il-valur akkreditat mis-socjeta' konvenuta jmur oltre dan it-tmienja fil-mija (8%) u s-socjeta' konvenuta qieghdha tesigi illi almenu jkollha d-dritt illi tibbenefika minn dan il-persentagg kif stabbilit l-istess socjeta' attrici. Barra minnhekk hemm kwistjoni wkoll ta' xi wiehed u sittin lira (Lm61.00) ta' merkanzija illi s-socjeta' konvenuta bieghet lis-socjeta' attrici. Dana mhuwiex qed jigi kontestat lanqas mis-socjeta' attrici li qed jigi accettat illi ghandha taghti dawn il-flus lis-socjeta' konvenuta (ara xhieda Stephen Calleja fol 50).

Oggezzjoni ohra pero', maghmula mis-socjeta' konvenuta tirrigwarda l-m*odus operandi* illi kien hemm fin-negozju bejn iz-zewg partijiet. Is-socjeta' konvenuta tallega illi kienet prassi bejn is-socjetajiet illi hija tirritorna lis-socjeta' attrici dawk l-oggetti kollha li ma rnexxilhiex tbiegh. Is-socjeta' attrici minn nahha taghha tohrog *credit note* u biha s-socjeta' konvenuta kienet

tixtri aktar oggetti minghand is-socjeta' attrici. Dan l-m*odus operandi* mhuwiex negat minn Stephen Calleja direttur tas-socjeta' attrici. Jghid pero' li dina kienet diskrezzjonali f'idejn is-socjeta' attrici fil-konfront tas-socjeta' konvenuta peress illi kien hemm relazzjoni kummercjali tajba hafna bejniethom. F'dan il-kaz kien hemm cirkostanzi meta s-socjeta' attrici ghalqet ghajnejha u accettat oggetti minghand is-socjeta' konvenuta minkejja li kienet intitolata li tirrifjutahom. F'dan il-kaz partikolari pero', u skond il-lista li ntbaghtet mis-socjeta' konvenuta kien hemm xi oggetti li kien ilhom li gew manifatturati mill-1990 u li l-kumpanija li kienet timmanifatturahhom ghalqet, ghalhekk is-socjeta' attrici dehrilha illi din il-merkanzija ma kienetx aktar merkantibbli u ma accettatiex minghand is-socjeta' konvenuta.

Ir-rapprezentant tas-socjeta' konvenuta Charles Gauci xehed fit-tul dwar il-mod kif kien isir in-negozju  bejn iz-zewg socjetajiet. Fl-ahhar meta ddecieda li ma jixtrix aktar kien hemm dawn l-oggetti illi baqghu ghandu. Dana ppakjahhom go kaxxa u baghthom ghand is-socjeta' attrici. Peress illi kif gia nghad kien hemm xi merkanzija f'din il-kaxxa li ma kienetx merkantibli, dina intbaghtet lura ghand is-socjeta' konvenuta. Is-Sur Gauci jammetti li din il-merkanzija qieghdha kollha ghandu u nzammet fil-pussess tas-socjeta' konvenuta.

Ikkunsidrat:

Illi fl-isfond ta' dawn ir-rizultanzi processwali l-Qorti jidhrilha illi zewg ilmenti tas-socjeta' konvenuta rigward il-*hall porter*  u l-ammont ta' wiehed u sittin lira u disa u sittin centezmi

(Lm61.69c), reklamati minnha ghandhom jigu milqugha. Is-socjeta' attrici ma ghamlitx sew meta naqset dak l-ammont kollu mill-prezz tal-*hall porter.* Aktar u aktar meta kienet hi stess li ddikjarat fl-*invoices* illi, *se mai*, ikun hemm *return charge* ta' tmienja fil-mija (8%) u mhux dak l-ammont kollu illi naqset minn dan il-valur.Ghalhekk il-Qorti jidhrilha t-talba tas-socjeta' konvenuta ghal *credit note* fl-ammont ta' wiehed u sebghin lira u tlieta u tmenin centezmu (Lm71.83c) hija gustifikata u ghandha tigi milqugha. L-istess jinghad ghac-cifra ta' wiehed u sittin lira u disa u sittin centezmi (Lm61.69c) rigward prezz ta' oggetti mibjugha u kkonsenjati lis-socjeta' konvenuta mis-socjeta' attrici, apparti l-fatt illi dina giet accettata mill-istess direttur tas-socjeta' attrici, s-socjeta' konvenuta ppruvat illi hija effettivament ikkonsenjat din il-merkanzija lis-socjeta' attrici fejn allura ghandha d-dritt tesigi l-hlas.

Minn nahha l-ohra, s-socjeta' konvenuta qieghdha tghid illi kien hemm bejn il-partijiet prassi ta' *returns* fejn allura kellha tibbenefika minn din il-prassi u liema oggetti kellhom jigu accettati mis-socjeta' attrici. Il-Qorti jidhrilha illi s-socjeta' konvenuta ma rnexxilhiex tipprova fi grad li trid il-ligi illi kien hemm xi ftehim partikolari bejn iz-zewg socjetajiet. L-unika kondizzjoni li kien hemm bejn il-partijiet kienet dik tat-tnaqqis tat-tmienja fil-mija (8%) fuq oggetti illi gew ritornati lis-socjeta' attrici. Bhalma spjega Stephen Calleja d-direttur ta' l-istess socjeta' dina kienet diskrezzjonali f'idejn is-socjeta' attrici ghandhiex tapplika din ir-rata jew le. Fil-fatt spjega illi fil-kaz tas-socjeta' konvenuta stante r-relazzjoni kummercjali li kien hemm bejniethom, din ir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) jista jaghti l-kaz li

ma kienetx applikata, pero' zgur illi b'daqshekk ma jfissirx illi kellha torbot lis-socjeta' attrici illi taccetta kwalunkwe merkanzija illi baghtet lura s-socjeta' konvenuta. Di piu, hawnhekk hawn punt legali illi l-Qorti ma tistax ma tiskartax, is-socjeta' konvenuta zammet lura dawn l-oggetti u qieghdin fil-pussess taghha. Is-socjeta'  konvenuta la ppruvat terga taghti lura dawn l-oggetti u lanqas ma ddepositathom il-Qorti u ghalhekk il-Qorti ma jidhirliex illi s-socjeta' konvenuta hija ntitolata li zzomm l-oggetti u li zzomm ukoll il-pagament. Jew haga jew ohra.

Fil-fatt f'kawza deciza mill-Qorti ta' l-Appell fl-ismijiet _Attard Brothers vs Direttur ta' l-Edukazzjoni_ deciza fl-4 ta' Novembru 1992, il-Qorti ta' l-Appell qalet illi minkejja l-kwistjonijiet li kien hemm bejn il-partijiet, darba parti ddecidiet li zzomm l-oggetti allura kellha thallas il-prezz intier tieghu. Il-Qorti osservat illi f'dak il-kaz partikolari d-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni ma kellha l-ebda dritt li zzomm dawn l-oggetti minkejja li kienet taf li kienu difettuzi u ma thallasx ghalihom. Kellha alternattiva li jew tirritornahom lura lis-socjeta' attrici jew inkella tiddepozitahom il-Qorti, la ma ghamlet xejn minn dan, allura s-socjeta' attrici kellha d-dritt tesigi l-hlas.

Dan huwa proprju dak illi gara f'dan il-kaz fejn is-socjeta' konvenuta minkejja illi kienet taf illi kien hemm kwistjonijiet mas-socjeta' attrici dwar din il-merkanzija, ddecidiet illi zzommhom fil-pussess taghha minghajr ma terga tipprova tirritornahhom jew tiddepozitahom il-Qorti. Dana huwa ta' pregudizzju ghall-istess socjeta' konvenuta peress illi issa ma tistax aktar topponi l-hlas ta' l-oggetti mizmuma minnha.

Ghalhekk il-Qorti jidhrilha illi ghal dak illi jirrigwarda l-meritu, s-socjeta' attrici ghandha dritt titlob il-hlas ta' dawk l-oggetti illi baqghu mizmuma mis-socjeta' konvenuta. Fl-avviz is-socjeta' attrici qieghdha titlob l-ammont ta' Lm484.78 (erba mija, erbgha u tmenin lira,tmienja u sebghin centezmu) ghal dawn l-oggetti. Dawna ma jinkludux il-wiehed u sebghin lira u tlieta u tmenin centezmu (Lm71.83c) tal-*hall porter u* wiehed u sittin lira u disa u sittin centezmi (Lm61.69c) tal-madum illi gew mibjugha lis-socjeta' attrici. Ghalhekk jekk tnaqqas dawn ic-cifri jifdal l-ammont ta' tlett mija u hamsin lira u disa u disghin centezmu (Lm350.99c) dovuti lis-socjeta' attrici.

Barra minnhekk pero' is-socjeta' attrici qieghdha titlob l-ammont ukoll ta' wiehed u erbghin lira u tmienja u erbghin centezmu (Lm41.48c) imghax fuq is-somma mitluba originarjament fl-avviz. Peress illi din ic-cifra issa naqset, il-Qorti ma jidhirliex illi ghandha takkorda dan l-ammont ta' imghaxijiet lis-socjeta' attrici. Ghalhekk il-Qorti jidhrilha illi l-imghaxijiet ghandhom jibdew jithallsu mid-data ta' din is-sentenza minhabba l-aggustament gia maghmul fit-talba originali tas-socjeta' attrici.

Ghal dak li jirrigwarda l-kontro talba rikonvenzjonali tas-socjeta' konvenuta ghar-ragunijiet gia moghtija f'dan il-gudikat il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tichad l-ewwel zewg talbiet tas-socjeta' konvenuta u tilqa' t-tielet, ir-raba, l-hames u s-sitt talbiet illi diga hadet konjizzjoni taghhom fil-korp ta' din is-sentenza u fl-ghoti ta' l-ammont kanonizzat favur is-socjeta' attrici.

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici. Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta illi thallasha l-ammont ta' tlett mija u hamsin lira u disa u disghin centezmu (Lm350.99c) prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata lis-socjeta' konvenuta.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali dekorribli mid-data ta' din is-sentenza kontra s-socjeta' konvenuta.

Anthony Zammit

Dep Reg